



2024/1369

13.6.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 300/2023

tat-8 ta' Diċembru 2023

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE [2024/1369]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1451 tat-13 ta' Lulju 2023 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2002 fir-rigward tan-notifikar tal-mard u l-informazzjoni li trid tiġi sottomessa mill-Istati Membri għall-approvazzjoni u għar-rapportar tal-programmi ta' eradikazzjoni obbligatorji u fakultattivi u fl-applikazzjonijiet għall-istatus ta' ħelsien mill-mard ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġislazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji. Il-leġislazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzeri dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tibqa' estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (3) Jenħtieġ għalhekk li l-Anness I tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 13k (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2020/2002) fil-Parti 1.1 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE:

“- **32023 R 1451:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1451 tat-13 ta' Lulju 2023 (ĠU L 179, 14.7.2023, p. 48).”

Artikolu 2

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1451 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

⁽¹⁾ ĠU L 179, 14.7.2023, p. 48.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Diċembru 2023, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE* (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Diċembru 2023.

Għall-Komitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Pascal SCHAFFHAUSER

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.